MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2003

Citazzjoni Numru. 599/2003

**Bank of Valletta p.l.c.**

**Vs**

**Godfrey Cutajar**

**Il-Qorti.**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f’zewg kuntratti datati 13 ta’ Settembru, 2000 fl-atti tan-Nutar Dottor Carmelo Lia (Dok “A” u Dok “B”), is-socjeta’ attrici kkoncediet “Loan u Overdraft Facility” bankarji lill-konvenut Godfrey Cutajar;

Premess illi s-socjeta’ attrici tinsab kreditrici tal-konvenut Godfrey Cutajar fis-somma ta’ tlieta u ghoxrin elf, tmien mija u hmistax-il Liri Maltin u disa’ centezmi

(Lm23,815.09) bilanc ghad-debitu fil-"Loan u Overdraft Accounts" ta' Godfrey Cutajar mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "C1 sa C4" u Dok "D1 sa D46") flimkien ma l-imghax ulterjuri mill-1 t'April, 2003 sad-data ta' l-effettiv pagament;

U premess illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-imsemmi kuntratt datati 13 ta' Settembru, 2000 in atti Nutar Dottor Carmelo Lia (Dok "B") fuq imsemmi partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-konvenut Godfrey Cutajar (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratti, u (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratti sopraindikat, u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess konvenut Godfrey Cutajar li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici u b'hekk il-konvenut iddekada mill-beneficju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f'daqqa.

U premess illi l-konvenut gie nterpellat permezz ta' ittra ufficjali datata 30 ta' Settembru, 2002 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok "E", sabiex ihallas id-dejn fuq imsemmi, izda dan baqa' inademjenti;

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportun:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt datat 13 ta' Settembru in atti Nutar Dottor Carmelo Lia (Dok "B") fuq imsemmija partikarment imma mhux esklussivament, billi l-konvenut Godfrey Cutajar (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratti, (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratti sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess konvenut Godfrey Cutajar li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.

2. Tikkundanna lil Godfrey Cutajar ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlieta u ghoxrin elf, tmien mija u

hmistax-il liri Maltin u disa' centezmi (Lm23,815.09) bilanc ghad-debitu fil- "Loan u overdraft Accounts" ta' Godfrey Cutajar mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "C1" sa C4" u Dok "D1 sa D46") flimkien ma l-imghax ulterjuri mill-1 t'April, 2003 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk  ta' l-ittra ufficjali datata 30 ta' Settembru 2003 u tal-mandati ta' Sekwestru li qed jigu pprezentati kontestwalment kontra l-konvenut li huwa ngunt minn issa sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici.

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenut li naqas li jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqa' kontumaci.

Semghet l-avukat tas-socjeta' attrici.

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumaci tal-konvenut tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------